MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Numru 90/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Portelli**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Portelli (bin Francis u Mary nee Spiteri, imwieled fil-15 ta' Ottubru 1969 u detentur tal-karta tal-identita` nru 440469(m)), talli fis-17 ta' April 2007, ghall-habta tas-7.45 am gewwa Sqaq il-Fgura, Gharb, Ghawdex (**1**) saq vettura bil-mutur minghajr numri ta' registrazzjoni, (**2**) saq l-imsemmija vettura f'post li minnu jghaddi t-traffiku minghajr ma din il-vettura kienet licenzjata ghat-triq, (**3**) saq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni, u (**4**) ghamel hsara involontarja fuq vettura GBB-696 ta' ghamla Opel ghad-dannu ta' Marlene Xerri mill-Gharb, Ghawdex; l-

ewwel qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija, l-imsemmi Portelli jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-5 ta' Marzu 2009 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Joseph Portelli mill-ewwel tliet imputazzjonijiet, izda sabitu hati skond ir-raba' imputazzjoni u kkundannatu multa ta' mitt euro (€100); u b'applikazzjoni tal-Artikolu 532A tal-Kodici Kriminali l-ewwel qorti ordnat lill-istess Portelli sabiex ihallas lill-parti leza s-somma ta' sitt mija u tlieta u tmenin euro u sitt centezmi (€683.06);

Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Joseph Portelli, minnu pprezentat fis-17 ta' Marzu 2009, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens illi, filwaqt li tigi konfermata l-liberazzjoni mill-ewwel tliet imputazzjonijiet, tigi revokata l-imsemmija sentenza in kwantu sabitu hati skond ir-raba' imputazzjoni, b'mod li hekk huwa jigi liberat minn kull imputazzjoni, htija u piena kif ukoll liberat mill-ordni ghall-hlas tad-danni;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-17 ta' April 2009; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu erba' aggravji. Dawn jistghu jigu sintetizzati hekk: (i) illi galadarba r-reat ipotizzat bir-raba' imputazzjoni huwa dak ta' hsara involontarja skond l-Artikolu 328(d) tal-Kap. 9, liema reat f'dan il-kaz kien prosegwibbli biss bil-kwerela tal-parti offiza, u galadarba ma hemmx prova ta' tali kwerela, allura "ir-raba' akkuza ma tistax u ma setghet qatt timxi oltre u l-imputat kellu bil-fors jigi liberat minnha"; (ii) illi mkien ma gie ppruvat illi Marlene Xerri hija sid il-vettura u kwindi l-parti leza; (iii) illi l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li kellha quddiemha u malament waslet ghall-konkluzzjoni li kien l-appellant li ccaqlaq u habat mal-vettura GBB-696, mentri fil-fatt dak li gara kien li kienet l-istess Xerri li hadet zbrixx l-*excavator* li kien qed ihaddem l-appellant; u (iv) ma kienx hemm prova adegwata tal-hsara, b'mod li l-ewwel qorti ma kellhiex tapplika l-Artikolu 532A tal-Kap. 9. Dawna l-aggravji sejrin issa jigu kkunsidrati *seriatim*.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, dan hu infondat. Meta l-appellant Portelli tressaq akkuzat quddiem il-Qorti Inferjuri, huwa kien akkuzat ukoll bi tlett reati ohra li jmissu l-ordni pubbliku. Apparti minn hekk, il-parti leza – kienet minn kienet ghall-mument – ma jirrizultax li rrinunzjat espressament ghall-azzjoni fi zmien erbat ijiem mid-data ta' meta allegatament sehh ir-reat. Kwindi f'dan il-kaz huwa applikabbli l-*proviso* tal-Artikolu 373 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk, kif inghad, dana l-aggravju huwa infondat.

Kwantu ghat-tieni aggravju, huwa veru li ma giex pruvat ta' min kienet il-vettura – cioe` jekk hux ta' Marlene Xerri jew ta' zewgha, jew tat-tnejn. Pero` dan il-fatt ma jfissirx neccessarjament li persuna ma tistax tinstab hatja ta' hsara involontarja, ghax tali hsara – apparti l-kwistjoni ta' lil min tkun tmiss l-azzjoni kriminali skond l-Artikolu 373 – tista' anke ssir fi proprjeta` ta' persuni injoti. In-nuqqas ta' identifikazzjoni tal-parti leza tista', se mai, taffetwa l-kwistjoni ta' min ghandu effettivament jigi risarcit permezz ta' ordni ta' kumpens.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-meritu. L-appellant jikkontendi li huwa kien wieqaf meta Marlene Xerri laqtet ix-xafra ta' wara tal-*excavator*. Xerri, invece, tikkontendi, li kif appena giet wara l-*excavator* (fejn kien hemm ix-xafra), l-istess *excavator* mexa ftit lura u, bl-imsemmija xafra, laqatha fuq il-bieba ta' quddiem tax-xellug. Din il-Qorti, minkejja li rat anke l-marka (li halla l-impatt bejn iz-zewg oggetti) fuq il-bieba tal-vettura li kienet qed issuq Xerri, ma tarax li tista' tghid li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Huwa minnu li <u>f'xi hin</u> l-*excavator* kellu jiccaqlaq u jimxi b'lura biex ikun jista' jbattal il-materjal fil-*truck*, pero` ma hemm ebda prova cara u konkludenti li hekk gara <u>proprju fil-mument tal-impatt bejn ix-xafra u l-bieba tal-vettura GBB-696</u>. Fi kliem iehor, a bazi tal-provi li semghet u rat din il-Qorti ma jistax jinghad li l-versjoni ta' Xerri hija neccessarjament aktar verosimili minn dik ta' Portelli. Ghalhekk ser takkolji dana t-tielet aggravju. Isegwi li ma hemmx ghalfejn li din il-Qorti tezamina r-raba' aggravju.

Ghall-motivi premessi, tilqa l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellant Portelli mill-ewwel tliet imputazzjonijiet, thassarha u tirrevokaha in kwantu sabitu hati skond ir-raba’ imputazzjoni kif ukoll in kwantu kkundannatu multa u ghamlet ordni ta’ kumpens, u minflok tilliberah ukoll minn din ir-raba’ imputazzjoni u minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------